KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

KUNSILL LOKALI BIRZEBBUGA

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2020

## Werrej


**Il-Kunsill**

**Il-Ħidma tal-Kunsill**

**Konklużjoni**

# 1. Il-Kunsill

## 1.01 Il-Kunsill

Birżebbuġa, skont l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru, 2019, hija lokalità, bi 8,775 votant b'populazzjoni li tisboq it-13,000 ruħ. Għalhekk, skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, huwa kompost minn disgħa kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn sitt skrivani. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Għalkemm is-sena 2020, kienet maħkuma mill-pandemija Nazzjonali, filwaqt li diversi proġetti u avvenimenti, kellhom jiġu mħassra sabiex tiġi assigurata s-saħħa u l-ħarsien tal-poplu, il-Kunsill Lokali xorta ħaddiem qatigħ, b' xogħlijiet marbuta ma' tisbieħ u manutenzjoni, li normalment waqt diversi ħinijiet, dan ix-xogħol kien diffiċli biex iseħħ.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun li jiddiskutu u jressqu proposti, l-imbagħad jiġu diskussi u jiġu deċiżi waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali.

## 1.02 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Rosalie Mintoff | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi, riżorsi umani u relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali. |
| Is-Sa Simone Fenech | Assistent prinċipal – Responsabbli għar-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| Is-Sa Gloria Abela | Skrivana - Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

| | |
|---|---|
| Is-Sa Stephanie Aloisio | Assistent Prinċipal – Responsabbli mil-applikazzjonijiet marbuta mal-Awtorità tat-Trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| Is-Sa Eleanor Manicaro | Skrivana – Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mall-ispejjeż tal-Kunsill, pagi tal-ħaddiema amministrattivi u remunizjoni tal-membri tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal lokalità, kif approvat waqt is-seduti. |
| Is-Sa Elisa Libreri | Skrivana – li bdiet l-impjieg tagħha f' Novembru, 2020 – Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

Matul din is-sena l-ħaddiema tal-komunità, issekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

Is-Sur Raymond Vella Foreman
Is-Sur Frans Cassar
Is-Sur Stephen Magro
Is-Sur Bartholomew Portelli
Is-Sur Vince McIntyre
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Rokku Borg
Is-Sur Stefano Buhagiar

## 1.03 L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttura:



## 1.04 Sotto Kumitati – Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-Kunsilliera

- Sotto kumitat – Immaniġjar tat-Traffiku u Sigurtà (immexxi mill-kunsillier Inġ. Stanley Zammit).

- Sotto kumitat – Proġett Rinovar Pjazza tal-Knisja (immexxi mill-kunsillier Inġ. Stanley Zammit, co-chairman mill-Kunsillier Sandro Caruana u l-kunsillier Doriana Portelli).

- Steering Committee fi ħdan il-Malta Trust Foundation – rappreżentanza mill-viċi Sindku, Scott Camilleri u l-kunsilliera Doriana Portelli.

**JOSEPH FARRUGIA**
**Sindku**

a) Rappreżentant għar-Reġjun ta' Nofsinhar
b) Rappreżentant għall-fondazzjoni GALXLOKK
c) Rappreżentant għal Malta Freeport Terminals
d) Infrastruttura u Proġetti Kapitali
e) Aspetti Soċjali

**SCOTT CAMILLERI**
**Viċi- Sindku**

a) Rappreżentant fl-Aġenzija Żgħażagħ
b) Rappreżentant fl-Isteering Committee tal-iskate park
c) Rappreżentant fil-Youth Exchanges
d) Kultura u proġetti relatati
e) Fondi tal-Unjoni Ewropea
f) Għaqdiet lokali żgħażagħ u tfal
g) Sottitut tas-Sindku, meta jkun meħtieġ

**Inġ. STANLEY ZAMMIT**
**Kunsillier**

a) Street lightning
b) Immaniġġjar tat-traffiku
c) Infurzar u sigurtà
d) Protezzjoni ċivili
e) Innovazzjoni
f) Fondi tal-Unjoni Ewropea

**JOSETTE BUSUTTIL**
**KUNSILLIER**

a) Attivitajiet kulturali
b) Avvenimenti lokali
c) Playing fields
d) Qasam soċjali
e) Persuni bi bżonnijiet speċjali
f) Integrazzjoni soċjali
g) Kumunitajiet

**ALEXANDER CARUANA**
**KUNSILLIER**

a) Trasport pubbliku
b) Kordinament mal-Gvern Ċentrali
c) Social Corporate responsibilities
d) Finanzi
e) Fondi Nazzjonali
f) Proġetti

**DORIANA PORTELLI**
**KUNSILLIER**

a) Edukazzjoni
b) Libreriji pubbliċi
c) Ħarsien tal-annimali
d) Espressjonijiet artistiċi
e) Żgħażagħ u tfal
f) Rappreżentanta fl-Isteering Committee tal-iskate park

**MARIA MIFSUD**
**KUNSILLIER**

a) Ambjent
b) Indafa
c) Żamma tal-ġonna u soft areas
d) Turiżmu
e) Rappreżentanta f'isem il-Kunsill għal Malta Freeport Terminals

**CARLO STIVALA**
**KUNSILLIER**

a) Sports u attivitajiet fiżiċi
b) Komunitajiet kummerċjali
c) Intrapriżi żgħar u medji
d) Qasam Marittimu

**JOSEPH BALDACCHINO**
**KUNSILLIER**

a) Anzjani
b) Familja
c) Xogħlijiet u sorveljanza
d) Customer care

# 2. Il-Ħidma tal-Kunsill

## 2.01 Ħidma tal-Kunsill

Fis-sena li għadha kif intemmet, komplejna nwettqu u naħdmu qatigħ, sabiex inkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità, billi nagħtu aktar servizzi, b' inqas spejjeż.

Minħabba l-Covid-19, kellna sena iebsa, madankollu l-Kunsill xorta waħda baqa' joffri s-servizz, filwaqt li ħadem ħafna sabiex itejjeb il-finanzi tal-Kunsill. Kellna nżommu jdejna sodi mal-kuntratturi, kif ukoll addottajna tfassil ta' sistemi ġodda. Ħarġu aktar offerti pubbliċi, fejn il-Kunsill żied is-servizzi, li ġabu magħhom żieda fl-ispejjeż kuntrattwali. Minħabba li konna restritti f' ħafna affarijiet, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li investa f' apparat u manutenzzjoni fil-binja tal-Kunsill, sabiex il-ħaddiema mhux biss baqgħu għaddejjin, iżda setgħu joffru servizz aħjar.

L-isfidi kontinwi tagħna huma:

- Inżommu dan ir-rittmu ta' xogħol permezz tas-servizzi li joffru l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill;
- Innaqqsu l-ispejjeż mingħajr ma nnaqqsu l-kwalità tas-servizzi li noffru;
- Nammiljoraw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill;
- Inħarsu 'l quddiem bl-lenti pożittiva.

Il-Kunsill kompla jaħdem, sabiex iġib aktar fondi u proġetti, għat-tisbiħ tal-lokalità. Għas-sena li għadha kif temmet, is-sena 2020, il-Kunsill rebaħ fond Ewropew, li jaqa' taħt l-iskema tal-GALXLOKK, taħt il-miżura numru (4) – (19.2). Permezz ta' dan il-fond, il-Kunsill ser ikun qiegħed iwettaq tisbiħ fil-Ġnien il-Kunsill. Sadattant, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll sabiex japplika għal proġett ta' restawr tal-pittura, fil-kappella tas-Sagra Familja, lima applikazzjoni ġiet milqugħa u ser inkomplu għaddejjin bil-proċess relatat. B' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, il-Kunsill qiegħed jikkordina wkoll il-proġett ta' Wied il-Buni, kif ukoll il-proġett ta' Bengħisa. Matul is-sena 2020, saru wkoll diversi toroq madwar il-lokalità, kif ukoll inbeda l-proġett tant mistenni, dak taż-żona ta' San Ġorġ.

Matul is-sena d-dieħla, il-Kunsill ser ikompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattrata lil pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha, sabiex iżomm il-finanzi f' qagħda tajba, ser ikompli jinvesti f' aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità.

Il-Kunsill jinsab ċert li b'dan it-titjib, kif ukoll proġetti proposti għas-sena l-ġdida, ser jibqa' jaħdem, biex jirrispetta l-ambjent u l-valur ta' Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh, sabiex inkomplu nkunu ta' eżempju tajjeb għal lokalitajiet oħra.

## 2.02 Patching, Tabelli u Sinjali tat-Toroq

Il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu sabiex jara li tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u għal dawk li jżuru l-lokalità.

Il-Kunsill Lokali ħadem sabiex jara illi jsir patching fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa tal-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, però minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan mhux dejjem ikun possibbli. Madankollu, ġie mfassal u pjanat biex beda x-xogħol fuq il-proġett ta' San Ġorġ, sabiex tissolva l-problema tat-tlugħ tal-ilma baħar. Saret ukoll parti minn Triq it-Tankijiet, li wkoll kienet tispiċċa mgħarqa bl-ilmijiet tax-xita. Tressqet talba lil Infrastructure Malta, sabiex jagħmlulna kisja ġdida, f' Dawret il-Qalb Imqaddsa, li qed tisfronda, kif ukoll diversi toroq li sal-lum għadhom ma sarux. Il-Kunsill, b' kordinazzjoni mal-istess awtorità, ħejja lista ta' toroq u sqaqin rurali, fejn b' eżerċizzju qed issir lista biex jinbeda x-xogħlijiet marbut magħhom.

B' diskussjonijiet mal-Malta Freeport, il-Kunsill wasal bi qbiel għal bini tal-Multi Storey Car Park. Dan il-proġett li beħsiebu jinbeda fis-sena 2021, ser ikun qiegħed joffri lir-residenti, allokazzjoni ta' 300 parkeġġ ieħor għal vetturi, filwaqt li jigwadanja dawn it-300 parkeġġ mit-toroq tal-lokalità.

B' kordinazzjoni bejn il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Kunsill Lokali, ir-residenti ta' Birżebbuġa ser isirilhom tisbieħ permezz tal-proġett f' Wied il-Buni, Misraħ is-Summit u Triq San Patrizju.

Fl-2020, ir-residenti ngħataw ukoll l-opportunità, sabiex għal darba oħra japplikaw għall-iskema tad-double glazing, lima proġett ġie ffinanzjat mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli.

Fl-2020, inbeda wkoll il-proġett tal-Park tal-Familja, ġewwa Benghisa, fejn diġà tħawlu ammont sostanzjarji ta' siġar, filwaqt li ntefgħu applikazzjoni għat-tkomplija ta' dan il-proġett.

Matul l-aħħar sena, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex fin-nuqqas ta' monumenti fil-lokalità, ħadem biex jagħti rigal lir-residenti, bust tal-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca. Dan il-bust jinsab merfugħ, sakemm ikun hemm l-opportunità li ssir l-inawgurazzjoni tiegħu.

Lejn nofs is-sena 2020, b' kordinazzjoni mal-NGO, Heritage Malta, id-Dipartiment tar-Restawr u l-Kunsill Lokali, inbeda xogħol ta' restawr fuq ir-Ridott ta' San Ġorġ. Dan ir-ridott, immur lura għas-seklu tmintax, u li huwa fdal ta' bini storiku taż-żmien il-Kavalieri tal-Ordni ta' San Ġwann, u l-uniku ridott ta' din il-għamla, li jinkludi wkoll knisja. Dan ir-restawr riesaq fi tmiemu u beħsieb li jitlesta fl-ewwel xhur tas-sena 2021.

## 2.03 Immaniġjar tat-traffiku

Tkompliet is-sistema li jiġu friskati l-linji tas-sinjali, f'Birżebbuġa, li jinkludu l-parking bays, l-istop signs u give ways, yellow lines, eċċ. Dawn saru wkoll fil-Qajjenza, filwaqt li ġew ikkoreġuti diversi sinjali oħra, sabiex jiżdiedu l-parkeġġ, jiġu mmarkati l-areas tal-ħwienet għall-festa, u għal Jum Birżebbuġa, fil-Bajja s-Sabiħa. Ġew irranġati wkoll diversi crash barriers, filwaqt li sar ukoll installazzjoni ta' oħrajn ġodda, flimkien ma' tindif u arranġamenti għal merja fit-trufijiet ta' diversi toroq problematiċi.

Saru road humps f' Bengħisa, Triq il-Kunċizzjoni, Triq tal-Ġebel u Triq tal-Papa. Il-Kunsill ressaq ukoll l-applikazzjoni tiegħu għal diversi road humps oħrajn, fosthom Triq il-Port Ħieles, Triq it-Torri u Triq Birżebbuġa.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll, sabiex ibiddel is-sistema tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq / Triq 13 ta' Diċembru u Triq 31 ta' Marzu. Matul is-sena 2021, il-Kunsill beħsiebu jlesti s-sistema kompluta ta' Triq iż-Żurrieq, u l-inħawi, li tinkludi żewġ road humps fi Triq iż-Żurrieq u oħra fi Triq San Ġwann.

Saret sistema ġdida tat-traffiku fil-junction ta' Triq il-Ġebel ma' Triq tal-Papa. Madankollu, għad jonqos li titwessa l-kantuniera ta' Triq tal-Ġebel, ma' Triq ir-Raddiena, biex tiġi implimentata l-aħħar fażi tas-sistema.

## 2.04 Infurzar u sigurtà

Matul is-sena 2020, il-Kunsill introduċa s-servizz tal-Pulizija fil-Komunità, fejn il-Kunsill qiegħed jospitahom permezz tas-Sala tal-Komunità, biex isservi bħala satellite station, u b' diversi apparat ieħor. Żamm ukoll laqgħat regolari mal-Aġenzija LESA u l-pulizija tal-lokal. Flimkien ma' dawn l-entitajiet, qed isir studju sabiex jiġu installati CCTVs b' fondi mgħottija mir-Reġjun ta' Nofsinhar, biex tiżdied is-sigurtà u jitnaqqas l-abbuż eċċessiv tar-rimi tal-iskart illegali. Matul is-sena 2020, bl-għajnuna tal-Perit Cacopardo, saru wkoll żewġ laqgħat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fuq applikazzjoni kurrenti.

## 2.05 Street lightning u dawl dekorattiv

Il-Kunsill jara li ssir il-monitoraġġ, kordinament u faċilitazzjoni tal-manutenzzjoni tal-lampi tat-toroq. Lejn tmiem is-sena, ġie introdott it-tender il-ġdid, f'isem ir-Reġjun. Madankollu, permezz tal-kuntrattur tal-emerġenza, il-Kunsill xorta waħda rsista sabiex jitwaħħlu numri ta' lampi ġodda.

Fil-Milied, inħarġu diversi talbiet għal kwotazzjonijiet, biex ġiet armata parti minn Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, kif ukoll parti minn Triq Zaren Dalli. Dan ix-xogħol ġie fdat lis-Soċjeta Filarmonika Banda Birżebbuġa, kif ukoll l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen u l-

Għaqda tal-armar. Żdied ukoll armar ieħor fir-roundabout ta' San Ġorġ u ntrama presepju kbir fil-Bajja s-Sabiħa. Dan id-dawl kien iffinanzjat mir-Reġjun ta' Nofsinhar, u mill-Ministeru tat-Turiżmu, wara li l-Kunsill ħa ħsieb iressaq l-applikazzjoni tiegħu.

## 2.06 Tindif, tisbiħ u manutenzjoni

Matul is-sena 2020, minħabba l-pandemija Nazzjonali, permezz ta' għajnuna żejda mill-Ministeru tat-Turiżmu, il-Kunsill igwadanja żieda ta' ħaddiema temporarji li għenu f' diversi tisbieħ, fil-lokalità. Fost dawn ix-xogħlijiet, wieħed seta' jinnota manutenzjoni fl-għamara tat-toroq, żebgħa fuq ir-railings, bankijiet u gazebos fil-promenad kollu, mix-xatt ta' San Ġorġ, sa Wied il-Buni. Tindif fiż-żoni urbani, rurali, u f' postijiet imwarrbin fil-periferiji oħra. Sar investiment qawwi fil-kontenituri tal-iskart ġodda, dog bins u tħawwil ta' diversi siġar u pjanti. Il-Kunsill organizza Tree Planting Event, b' kollaborazzjoni mar-Reġjun ta' Nofsinhar, fejn ġew imħawla għaxar siġriet, u permezz tal-inizzjattiva Why not, tħawlu wkoll siġar fl-area ta' Triq l-Għerien. Inxtraw ukoll erba' siġar taż-żebbuġ, biex tħawlu f' konok vojta madwar il-lokalità.

Bħal snin l-imgħoddija, il-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa wkoll fl-Earth Hour, fejn ħeġġeġ ukoll lir-residenti, sabiex jieħdu sehem huma wkoll, billi għal ftit ħin allokat, jitfu d-dawl. Il-Kunsill ta sehmu billi tefa d-dawl fi Ġnien il-Kunsill.

Permezz ta' skeda provduta minn Infrastructure Malta, Il-Kunsill sebaħ il-lokalità permezz ta' tħawwil ta' sittin pot li kienu mitluqa, fejn reġa' tahom il-ħajja permezz ta' tħawwil ta' siġar żgħar tal-palm. Infrastructure Malta għenet ukoll bi tħawwil ta' iżjed siġar indiġini, fl-area ta' Għar Dalam u tqegħid ta' ħamrija.

B'interess qawwi fir-riġenerazzjoni tal-widien ta' Birżebbuġa, il-Kunsill ipparteċipa f' konsultazzjoni pubblika, imressqa mill-Parks Malta, sabiex il-pubbliku ngħata ċ-ċans li jsemma l-ideat tiegħu fir-rigward ta' din il-konsultazzjoni.

Permezz tas-sehem ta' diversi għaqdiet voluntarji, il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza diversi Clean-Ups, fejn inġabar ammont sustanzjarju ta' skart mormi illegalment, filwaqt li dejjem sab l-għajnuna ta' Clean Malta, biex tieħdilna dan l-iskart miġbur.

Permezz ukoll tal-ħaddiema tal-Freeport, fil-European Week for Waste Reduction, sar tindif fl-area tal-pjazza, fejn ġew imħawla wkoll xi pjanti.

Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Kunsill tiġi ddedikata, sabiex jingħataw is-servizzi minn diversi kuntratturi privati, bħal:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Ġbir ta' skart goff
- Servizz ta' knis ta' toroq
- Tindif taż-żoni urbani u rurali
- Latrini pubbliċi

Wara kuntatt li sar mal-Ministeru tat-Turiżmu, permezz tal-foundation for Tourism Zone Development, sar aġġornament fuq 23 tabella, f' 21 post storiku, bħala Upgrade, fil-Birżebbuġa Heritage Trail

## 2.07 Solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali

Bil-problemi kollha li ġabet magħha l-pandemija Nazzjonali, bosta kienu dawk il-ħaddiema li tilfu xogħolhom, jew spiċċaw b' benefiċċju żgħir. Il-Kunsill Lokali, flimkien bis-sehem tal-Malta Trust Foundation, ħa ħsieb u għen fit-tqassim tal-ikel għall-familji li kienu jinsabu fi stat batut.

Għal sena oħra, b' kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, il-Kunsill ħa ħsieb li jorgannizza t-titqiba ta' kontra l-influwenza lil madwar sitt mitt resident eliġibbli.

Il-Kunsill jemmen, kemm l-attività lill-anzjani hija ferm importanti. Għaldaqstant, baqa' jipprovdi servizz tat-trasport għal ħruġ lill-anzjani li jattendu fiċ-Ċentru ta' matul il-Jum. Dan sar permezz ta' parti finanzjarja mill-Freeport Malta.

## 2.08 Ħarsien tal-Annimali

Il-Kunsill bl-għajnuna tas-Sinjura Romina Frendo flimkien ma' wħud mill-*cat feeders* oħra minn Birżebbuġa , ingħataw vawċers tal-ikel għal ammont ta' qtates. F'dan ir-rigward il-Kunsill iffirma ukoll *memorandum of understanding* għal sena, fejn il-Kunsill Lokali alloka s-somma ta' €3,000 għal dan il-għan.

F'din is-sena wkoll il-Kunsill Lokali applika għall-iskema li ħareġ il-Gvern, li ġġib l-isem, LC CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali, għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità, fejn il-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed jibbenifika mis-somma ta' €8,000.00.

## 2.09 Qasam tal-Edukazzjoni u żgħażagħ

B' servizz ta' Lifelong Learning, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqa' jitħarġu fl-edukazzjoni tagħhom. Sfortunatament, bil-qagħda Nazzjonali, ma kienx hemm il-possibilità għal żieda f' korsijiet u preżentazzjoni mal-istudenti, fl-iskola.

## 2.10 Attivitajiet

L-attivitajiet, matul is-2020, tkomplew bil-mod li setgħu, minħabba li l-pandemija Nazzjonali effettwat dan il-qasam. Madankollu, il-Kunsill Lokali jemmen li dawn huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju, għaliex dawn iservu ta' opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan, l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tal-lokalità, filwaqt li wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija, li b'permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ.

- Fl-14 ta' Frar, 2020 – Jum San Valentinu, u ftit qabel ma bdiet il-pandemija f' Malta. Il-Kunsill organizza Weekend Break.

- Fit-22 ta' Frar, 2020 – Karnival kbir ġewwa l-lokalità. Il-Kunsill għamel attività karnivaleska li saret fit-toroq tal-lokal, bis-sehem ta' żeffiena. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza għal din l-attività, kienet tajba, fejn ipparteċipaw ġenituri u tfal ta' etajiet differenti.

- F' Marzu 2020, saret it-tneddija tal-ktieb mill-Għaqda Storja u Kultura, f' Birżebbuġa, 'Birżebbuġa – A Millenial History', bir-rappreżentazzjoni mill-viċi Sindku. Din id-darba saret bil-lingwa Ingliża, kif ukoll aġġornament fuq l-ewwel ktieb li kienu varaw.

- Fit-28 ta' Ġunju, 2020 – Hybird Festival fil-Qajjenza. Minħabba li l-miżuri tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika kienu qegħdin fis-seħħ, dan is-servizz ingħata permezz ta' open top bus. Din il-vettura kienet stazzjonata fi Triq l-Għanneja u ndaqq għanja li wkoll kienet marbuta mal-Imnarja, li kienet qiegħda tiġi ċċelebrata f'dan il-Jum.

- Fil-11 ta' Lulju, 2020 – B'kollaborazzjoni mal-Kunsill saret Swimathon, maratona tal-għawm.

- Fl-24 t' Ottubru,2020 – Jum Birżebbuġa. Din is-sena kellna mmorru iżjed sottili u niffukaw fuq ġest nobbli. Għaldaqstant, bil-presenza tal-Bank tal-Għoti tad-Demm, in-nies espremiet iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Jum.

- Fit-13 ta' Diċembru, 2020 – Permezz ta' dawra bil-karru mogħbi bir-rappreżentanza ta' Father Christmas, għat-tfal tal-lokalità, il-Kunsill ħa ħsieb biex ifferaħhom ftit u jtaffilhom il-ħsibijiet marbuta mal-pandemija.

- F'Diċembru l-Kunsill ħa l-inizzjattiva, sabiex isiru it-tiżjin tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja, bis-sehem taż-żewġ każini tal-banda, kif ukoll kompetitzjoni għat-tfal marbuta mal-isbaħ tpinġija.

- Kummiedja Kamillu għall-Eurovision, fuq facebook live – B' kollaborazzjoni mal-kumpanija teatrali Blanzuni, waqt il-perjodu tal-pandemija, il-Kunsill ħa ħsieb li juri reċta minn grupp teatrali lokali, fuq il-paġna tal-facebook, li niżlet tbissima waqt dan il-perjodu.

## 2.11 Komunikazzjoni mar-residenti

Minkejja li b'limitazzjonijiet ta' riżorsi, il-komunikazzjoni mar-residenti baqgħet tingħata importanza kbira. Fl-2020 ma naqasx li l-Kunsill ikompli juża' l-mezzi ta' komunikazzjoni moderni bħalma hija l-paġna uffiċjali fuq Facebook. Din il-paġna kompliet iżżid fil-popolarità u hija mezz kif isir kuntatt aktar faċli mall-pubbliku. Naturalment ninsabu 'l bogħod milli nkunu

qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minna. Is-seduti tal-Kunsill baqgħu jseħħu kull erba' ġimgħat, b' xandiriet live u rekordjati permezz tal-live-streaming u l-websajt tal-Kunsill. F' Novembru saret ukoll il-laqgħa ġenerali, fejn il-pubbliku kien mistieden biex jattendi, filwaqt li din il-laqgħa xxandret live fuq il-paġna tal-Facebook, tal-Kunsill.

## 2.12 Sejħa għall-offerti

Matul is-sena 2020, il-Kunsill ppubblika it-tender bis-sistema l-ġdida tal-ePPS. Dan it-Tender kien:

- BLC/T/01/20 Cleaning and Upkeep of Public Conveniences in the locality of Birżebbuġa, using environmentally friendly manner

## 2.13 Pjanijiet għas-sena 2021

Il-Pjan ewlieni tal-Kunsill Lokali huwa li matul is-sena 2021 jinbeda l-proġett marbut ma' Ġnien il-Kunsill, permezz tal-Fondi Ewropej, taħt il-kappa tal-GALXLOKK. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jibbennifika sa massimu ta' 80% tal-allokazzjoni għal dan il-ġnien, li qed jiġi propost in-nefqa ta' 'l fuq minn €80,000.00. Propost ukoll hija, installazzjoni ta' dawl dekorattiv f' Misraħ Pietru Pawl Saydon u Misraħ San Ġorġ Preca. Inawgurazzjoni tal-bust tal-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca. Pjan ta' restawr tal-pittura u għamara antika, fil-kappella tas-Sagra Familja. Għal dan il-proġett qiegħed jiġi allokat is-somma ta' €12,000.00. Sistema ta' irrigazzjoni fi Ġnien Indipendenza, li fuqu diġà nbeda tindif fil-funtana, mid-dipartiment tal-Cleansing. L-islipway ħdejn il-monument tas-Summit. Proċess għal applikazzjoni, sabiex issir slipway oħra fil-Qajjenza. Fanal ġdid fil-pont ta' San Ġorġ. Tħejjija ta' applikazzjoni għal Berm f' Wied il-Buni, sabiex ir-ramel ma jidħolx viċin l-islipway. Sistema ta' dawl u CCTVs fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Jitlestew it-toroq li saru minn Infrastructure Malta, bħal Triq Zaren Dalli, Triq San Patrizju, Triq tal-Ġebel, Triq il-Bżulija u Triq il-Musbieħ, fejn ġie mgħoddi l-underground cable, kif ukoll fi Triq 22 ta' Frar, Triq Mons. Spir Penza u Triq il-Qroll. Jitkompla x-xogħol, f' toroq rurali, bħal, Triq Bengħisa, żewġ sqaqien ġewwa Bengħisa, Triq il-Qoton titkompla sa Ħal Għaxaq, Sqaq Wied il-Qoton, titlesta kollha Triq il-Brolli, u Trejqet Wied il-Klima.

Apparti minn hekk, matul is-sena 2021, il-Kunsill qiegħed jaħseb sabiex jibqa' jaħdem fuq proġetti oħra ta' manutenzjoni tat-toroq, madwar il-lokalità. Jagħti bidu għall-proġett marbut ma' Wied il-Buni u jiġi mwettaq u ffinalizat il-proġett tal-ilma li jitla' mill-baħar, fl-area ta' San Ġorġ.

F' laqgħa li saret matul is-sena 2020, mal-Ministru tal-Edukazzjoni, il-Kunsill ippreżenta numru ta' proposti, sabiex jinbena Ċentru Ċiviku u l-binja tal-Kunsill, fi Triq il-Bandli. Kien propost li din il-binja tkun tilqa' fiha, spazzji, metodi u ideat ġodda li flimkien iżewġu l-ħajja skolastika, mal-ħajja tal-komunità.

Proġetti prospettivi oħra huma dawk għal żieda ta' parkeġġ b' modifiki f' Misraħ tal-Pajtier, Misraħ Hamilkar Barka, Triq l-Għannejja u Triq il-Port Ħieles. Filwaqt li tinfetaħ Triq il-Bandli,

biex issir car park, flimkien mal-proġett prospettiv taċ-Ċentru Ċiviku. Dan mhux b'inqas, ma' permess approvat, sabiex parti mill-bankina tal-promenad fil-Bajja S-Sabiħa, tinbidel f' parkeġġ ieħor.

Proġett prospettiv ieħor, hija żieda ta' rampi għal persuni b' diżabilità, waħda fil-Bajja s-Sabiħa u oħra f' Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Proġett prospettiv ieħor huwa tisbieħ tar-roundabout ta' San Ġorġ li ser tkun qiegħda tagħti merħba mhux biss lir-residenti, iżda wkoll lil pubbliku inġenerali li jkun qiegħed jiffrekwenta dawn l-inħawi.

Hekk kif il-proġett ta' restawr tar-Ridott ta' San Ġorġ jinsab riesaq fi tmiemu, il-Kunsill Lokali għandu propost li fis-sena 2021, isir l-embellishment tal-ġnien biswit ir-ridott, fejn beħsieb li jsir pajsaġġ biex tinkixef il-parti li kienet intradmet mill-istess ridott.

## 3. Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali huwa marbut, sabiex fuq kollox ikompli jattwa l-pjan ta' ħidma li sar għas-snin 2020-2024.

Naturalment, huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara fis-sena preċidenti, iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi fuq, il-Kunsill, permezz tal-amministrazzjoni, qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti. Madankollu, ninsab konvinta, li b'dan kollu, wieħed seta' jieħu idea ċara li għalkemm kellna sfidi kbar, il-ħidma tal-Kunsill matul din is-sena, kienet kbira ħafna. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill waħdu ma jista' jagħmel xejn u għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jitwettaq. Lil dawn kollha, il-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom.

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv

Joseph Farrugia
Sindku